Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fis-26 ta' Ottubru 2022, li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art mit-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma (COM(2022) 540 final).

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fit-22 ta' Marzu 2023 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti (COM(2023) 166 final).

Proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea fit-22 ta' Novembru 2023 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-monitoraġġ tal-foresti Ewropej reżiljenti (COM(2023) 728 final).

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2023 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 401/2009, (UE) 2017/745 u (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-attribuzzjoni mill-ġdid ta' kompiti xjentifiċi u tekniċi u t-titjib tal-kooperazzjoni fost l-aġenziji tal-Unjoni fil-qasam tas-sustanzi kimiċi (COM(2023) 783 final).

## TITOLU 10 — IL-MIGRAZZJONI

### Figuri

Titolu Kapitulu	Intestatura	FF	Appropjazzjonijiet 2025		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
10 01	Nefqa amministrattiva ta' appoġġ tal-Cluster "Migrazzjoni"	4	3 150 000	3 150 000			3 150 000	3 150 000
10 02	Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (amif)	4	1 865 538	1 162 142			1 913 538	1 207 142
10 10	Aġenziji deċentralizzati	4	234 150 757	234 150 757	-48 000 000	-45 000 000	241	317
	<b>Titolu 10 — Total</b>		<b>2 102 838 998</b>	<b>1 399 443 074</b>			<b>2 102 838 998</b>	<b>1 399 443 074</b>

## KAPITOLU 10 02 — FOND GĦALL-ASIL, IL-MIGRAZZJONI U L-INTEGRAZZJONI (AMIF)

### Figuri

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropjazzjonijiet 2025		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
10 02	Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (amif)							
<b>10 02 01</b>	<b>Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)</b>	4	1 863 630 325	971 926 563	48 000 000	45 000 000	1 911 630 325	1 016 926 563

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2025		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
10 02 02	<i>Strument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Politika dwar il-Viżi (BMVI) — Kontribuzzjoni mill-AMIF</i>	4	306 733	55 636			306 733	55 636
10 02 03	<i>Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) — Kontribuzzjoni mill-AMIF</i>	4	1 601 183	160 118			1 601 183	160 118
10 02 99	<i>Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti</i>							
10 02 99 01	Tlestija tal-azzjonijiet preċedenti fl-oqsma tal-immigrazzjoni (qabel l-2021)	4	p.m.	190 000 000			p.m.	190 000 000
	<i>Artikolu 10 02 99 — Sub-total</i>		p.m.	190 000 000			p.m.	190 000 000
	<b>Kapitolu 10 02 — Total</b>		<b>1 865 538 241</b>	<b>1 162 142 317</b>	<b>48 000 000</b>	<b>45 000 000</b>	<b>1 913 538 241</b>	<b>1 207 142 317</b>

### Kummenti

L-approprijazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru azzjonijiet li jikkontribwixxu għal ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji skont l-*acquis* rilevanti tal-Unjoni u f'konformità mal-impenji tal-Unjoni dwar id-drittijiet fundamentali.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

### Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2021/1147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jstabilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1147/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2022/585 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-6 ta' April 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 514/2014 li jstabilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet, (UE) Nru 516/2014 li jstabilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u (UE) 2021/1147 li jstabilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (ĠU L 112, 11.4.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/585/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jstabilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L, 2024/1348, 22.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2024/1349 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jstabilixxi proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148 (ĠU L, 2024/1349, 22.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1349/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147, u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2024/1358 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' data bijometrika sabiex jiġu applikati b'mod effettiv ir-Regolamenti (UE) 2024/1351 u (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE u għall-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz u persuni apolidi li qed jirresjiedu illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ( ĠU L, 2024/1358, 22.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1358/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2024/1359 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1147 (ĠU L, 2024/1359, 22.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1359/oj>).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 2023 li jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE (COM (2023) 716 final).

## **Artikolu 10 02 01 — Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)**

*Figuri*

Approprjazzjonijiet 2025		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 3/2025		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
1 863 630 325	971 926 563	48 000 000	45 000 000	1 911 630 325	1 016 926 563

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji skont l-*acquis* rilevanti tal-Unjoni u f'konformità mal-impenji tal-Unjoni dwar id-drittijiet fundamentali.

B'mod partikolari, l-AMIF huwa maħsub biex jikkontribwixxi għat-tisħiħ u l-iżvilupp tal-aspetti kollha tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, inkluża d-dimensjoni esterna tagħha; għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni rregolari u jiġi żgurat ritorn lejn u r-riammissjoni effettiv, sigur u dinjituż f'pajjiżi terzi.

L-AMIF jipromwovi miżuri komuni fil-qasam tal-asil, inkluż l-isforzi tal-Istati Membri li jirċievu persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali permezz ta' risistemazzjoni u t-trasferiment ta' applikanti bejn l-Istati Membri għal jew benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, jappoġġja strateġiji ta' integrazzjoni u jiżviluppa u jsaħħa politika aktar effettiva dwar il-migrazzjoni legali, sabiex jiżguraw il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u l-futur tal-mudell soċjali tagħha u jnaqqsu l-inċentivi għall-migrazzjoni irregolari permezz ta' politika ta' ritorn sostenibbli u ta' riammissjoni. L-AMIF jappoġġja t-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex tissaħħa il-ġestjoni tal-flussi ta' persuni li japplikaw għall-asil jew forom oħra ta' protezzjoni internazzjonali, il-passaġġi tal-migrazzjoni legali u biex tiġi miġġielda l-migrazzjoni irregolari u tiġi żgurata s-sostenibbiltà tar-ritorn u r-riammissjoni effettiva lejn pajjiżi terzi.

## **KAPITOLU 10 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI**

*Figuri*

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
10 10 <b>10 10 01</b>	Aġenziji deċentralizzati <b>Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA)</b>	4	234 150 757	234 150 757	-48 000 000	-45 000 000	186 150 757	189 150 757
	<b>Kapitolu 10 10 — Total</b>		<b>234 150 757</b>	<b>234 150 757</b>	<b>-48 000 000</b>	<b>-45 000 000</b>	<b>186 150 757</b>	<b>189 150 757</b>

## Kummenti

L-appropriazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex ikopru l-persunal u n-nefqa amministrattiva tal-Aġenzija deċentralizzati (it-Titoli 1 u 2) u fejn applikabbli, in-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

Il-pjanijiet ta' stabbiliment tal-Aġenzija huma stabbiliti fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsim.

L-Aġenzija jridu jinformaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, l-ammonti mħallsa lura f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2019/715/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/715/oj)) u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

## Artikolu 10 10 01 — Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA)

### Figuri

Appropriazzjonijiet 2025		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 3/2025		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
234 150 757	234 150 757	-48 000 000	-45 000 000	186 150 757	189 150 757

## Kummenti

L-EUAA, li tissostitwixxi u hija s-suċċessur tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO) mid-19 ta' Jannar 2022, huwa ċentru ta' għarfien espert dwar l-asil u jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil billi jiffaċilita, jikkoordina u jsaħħaħ il-kooperazzjoni Prattika fost l-Istati Membri dwar il-ħafna aspetti tal-ażil. L-EUAA tgħin ukoll lill-Istati Membri jwettqu l-obbligi Ewropej u internazzjonali tagħhom biex jagħtu protezzjoni lil persuni fil-bżonn, huwa jipprovdi appoġġ operazzjonali lil Stati Membri bi ħtiġijiet speċifiċi u lill-Istati Membri li s-sistemi ta' ażil u akkoljenza tagħhom jinsabu taħt pressjoni partikolari. Barra minn hekk, l-EUAA tipprovdi input ibbażat fuq l-evidenza għat-tfassil għall-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fl-oqsma kollha li għandhom impatt dirett jew indirett fuq l-ażil.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	191 737 310
li minnhom l-ammont li ġej mill-irkupru tas-surplus (dħul, l-artikolu 6 6 2)	5 586 553
L-ammont imdahhali fil-baġit	186 150 757

## Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 (ĠU L 468, 30.12.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2303/oj>).

# TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRONTIERI

Figuri

Titolu Kapitolu	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2025		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
11 01	Nefqa amministrattiva ta' sostenn tal-cluster "Ġestjoni tal-Fruntieri"	4	2 234 000	2 234 000			2 234 000	2 234 000
11 02	Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF) — Strument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi	4	1 232 560 499	459 393 388		357 000 000	1 232 560 499	816 393 388
11 03	Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF) — Strument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali	4	78 214 000	55 790 910	-78 032 393	-47 859 845	181 607	7 931 065
11 10	Aġenziji deċentralizzati	4	1 230 206 527	1 210 342 382			1 230 206 527	1 210 342 382
	Riżerva(30 02 02)		76 744 000 1 306 950 527	76 744 000 1 287 086 382			76 744 000 1 306 950 527	76 744 000 1 287 086 382
	<b>Titolu 11 — Total</b>		<b>2 543 215 026</b>	<b>1 727 760 680</b>	<b>-78 032 393</b>	<b>309 140 155</b>	<b>2 465 182 633</b>	<b>2 036 900 835</b>
	Riżerva(30 02 02)		76 744 000	76 744 000			76 744 000	76 744 000
	<b>Total inklużi r-riżervi</b>		<b>2 619 959 026</b>	<b>1 804 504 680</b>			<b>2 541 926 633</b>	<b>2 113 644 835</b>

## KAPITOLU 11 02 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRONTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRONTIERI U L-POLITIKA DWAR IL-VIŻI

Figuri

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprijazzjonijiet 2025		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
11 02	Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF) — Strument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi							
11 02 01	<b>Strument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi</b>	4	1 230 663 318	396 496 207		357 000 000	1 230 663 318	753 496 207
11 02 02	<b>Fond għas-Sigurtà Interna (FSI) - Kontribuzzjoni mill-BMVI</b>	4	1 897 181	1 897 181			1 897 181	1 897 181
11 02 99	<b>Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti</b>							
11 02 99 01	Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti fil-qasam tal-fruntieri, viżi u sistemi tal-IT (qabel l-2021)	4	p.m.	61 000 000			p.m.	61 000 000
	<i>Artikolu 11 02 99 — Sub-total</i>		p.m.	61 000 000			p.m.	61 000 000
	<b>Kapitolu 11 02 — Total</b>		<b>1 232 560 499</b>	<b>459 393 388</b>		<b>357 000 000</b>	<b>1 232 560 499</b>	<b>816 393 388</b>

Kummenti

L-appropriazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-azzjonijiet li jiżguraw ġestjoni integrata Ewropea soda u effettiva tal-fruntieri, filwaqt li jissalvagwardjaw il-moviment liberu tal-persuni fi hđanhom, f'konformità sħiħa mal-impenji tal-Unjoni dwar id-drittijiet fundamentali, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-garanzija ta' livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati

potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

#### *Bażi ġuridika*

Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19, ELI: <http://data.europa.eu/eli/convention/2000/922/oj>).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEC) Nru 1683/95 tad-29 ta' Mejju 1985 li jistabbilixxi format uniformi għall-viża (ĠU L 164, 14.7.1995, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1995/1683/oj>).

Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema ta' l-Infurmazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/767/oj>).

Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/810/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/399/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzja tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/794/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2226/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1240/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1860/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1861/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 i jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/816/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE)

767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/817/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/818/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 48, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1148/oj>).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 (ĠU L 160, 15.6.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/922/oj>).

Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, għall-perjodu mill-2021 sal-2027, iffirmat fit-28 ta' Novembru 2023 (ĠU L, 2024/200, 4.1.2024, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_internation/2024/200/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2024/200/oj)).

Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, għall-perjodu mill-2021 sal-2027, iffirmat fit-28 ta' Novembru 2023 (ĠU L, 2024/1292, 13.5.2024, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_internation/2024/1292/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2024/1292/oj)).

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1291 tad-29 ta' April 2024 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn L-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-regoli addizzjonali b'rabta mal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, għall-perjodu mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/1291, 13.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1291/oj>).

Regolament (UE) 2024/1352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/816 u (UE) 2019/818 għall-fini tal-introduzzjoni tal-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni (ĠU L, 2024/1352, 22.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1352/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (ĠU L, 2024/1356, 22.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1356/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2024/1358 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' data bijometrika sabiex jiġu applikati b'mod effettiv ir-Regolamenti (UE) 2024/1351 u (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE u għall-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi li qed jirresjiedu illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2024/1358, 22.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1358/oj>).

Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, għall-perjodu mill-2021 sal-2027, iffirmat fl-20 ta' Diċembru 2023 (ĠU L, 2024/1591, 5.6.2024, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_internation/2024/1591/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2024/1591/oj)).

Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, għall-perjodu mill-2021 sal-2027, iffirmat fl-20 ta' Diċembru 2023 (ĠU L, 2024/1592, 5.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/agree/2024/1592/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2025/12 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024, dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri għat-titjib u għall-faċilitazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri esterni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726 u (UE) 2019/817, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE (ĠU L, 2025/12, 8.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/12/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2025/13 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/818 (ĠU L, 2025/13, 8.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/13/oj>).

#### *Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fit-28 ta' Novembru 2023, dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin, u dwar it-tisħiħ tal-appoġġ tal-Europol għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra tali reati u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 (COM (2023) 754 final).

### **Artikolu 11 02 01 — Strument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi**

#### *Figuri*

Appropriazzjonijiet 2025		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 3/2025		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
1 230 663 318	396 496 207		357 000 000	1 230 663 318	753 496 207

#### *Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiżgura ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri b'saħħitha u effettiva fil-fruntieri esterni filwaqt li tissalvagwardja l-moviment liberu tal-persuni fi ħdanhom, f'konformità sħiħa mal-impenji tal-Unjoni dwar id-drittijiet fundamentali, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-garanzija ta' livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni.

B'mod aktar speċifiku, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (BMVI) jeħtieġ li jikkontribwixxi biex jappoġġa ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri effettiva fuq il-fruntieri esterni, li implimentati mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u l-Kosta u tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, biex jiffaċilitaw il-qsim leġittimu tal-fruntieri, biex jipprevjenu u jidentifikaw l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transfruntiera u biex jiġġestixxu effettivament il-flussi migratorji, kif ukoll biex jappoġġaw l-politika komuni dwar il-viżi sabiex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar leġittimu u jipprevjenu riskji migratorji u tas-sigurtà.

Il-BMVI jippromwovi l-implimentazzjoni tal-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri kif iddefinita mill-komponenti tagħha skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/1896: il-kontroll fuq il-fruntieri, it-tfittxija u s-salvataġġ matul is-sorveljanza fuq il-fruntieri, l-analiżi tar-riskju u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri (appoġġati u kkoordinati mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta). Il-BMVI jippromwovi wkoll il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, miżuri tekniċi u operazzjonali fiż-żona Schengen marbuta mal-kontroll fuq il-fruntieri u mfassla biex jindirizzaw l-immigrazzjoni illegali u biex jiġġieldu aħjar il-kriminalità transfruntiera, l-użu ta' teknoloġija avvanzata, u l-kontroll tal-kwalità u mekkaniżmi ta' solidarjetà. Barra minn hekk, il-BMVI jikkontribwixxi għat-titjib tal-effiċjenza tal-ipproċessar tal-viżi f'termini tal-identifikazzjoni u l-ivvalutar tas-sigurtà u r-riskji tal-migrazzjoni irregolari kif ukoll li jiġu ffaċilitati l-proċeduri tal-viżi għall-vjaġġaturi *bona fide*. Il-BMVI jappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-

ipproċessar tal-viża bl-objettiv li jiġu pprovduti proċeduri tal-viża rapidi, siguri u favorevoli għall-klijent għall-benefiċċju kemm tal-applikanti għal viża kif ukoll tal-konsulati.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat

198 852 981 6 3 2 0

## KAPITOLU 11 03 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRONTIERI (IBMF) — STRUMENT TA' APPOĠĠ FINANZJARJU GĦAT-TAGĦMIR TA' KONTROLL DOGANALI

Figuri

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
11 03	Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF) — Strument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali							
<b>11 03 01</b>	<b>Strument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali</b>	4	78 214 000	55 790 910	-78 032 393	-47 859 845	181 607	7 931 065
	<b>Kapitolu 11 03 — Total</b>		<b>78 214 000</b>	<b>55 790 910</b>	<b>-78 032 393</b>	<b>-47 859 845</b>	<b>181 607</b>	<b>7 931 065</b>

Kummenti

Approprjazzjonijiet fil-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali biex jappoġġaw lill-unjoni doganali u lill-awtoritajiet doganali sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza fl-Unjoni u sabiex l-Unjoni tiġi protetta mill-kummerċ illegali u inġust filwaqt li jiġu ffaċilitati l-attivitajiet kummerċjali leġittimi. L-Istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali jikkontribwixxi biex ikun hemm kontrolli doganali adegwati u ekwivalenti permezz tax-xiri, tal-manutenzjoni u tal-aġġornament ta' tagħmir ta' kontroll doganali li jkun rilevanti u affidabbli u modern.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE) 2021/1077 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali (ĠU L 234, 2.7.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1077/oj>).

### Artikolu 11 03 01 — Strument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali

Figuri

Approprjazzjonijiet 2025		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 3/2025		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
78 214 000	55 790 910	-78 032 393	-47 859 845	181 607	7 931 065

*Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa x-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament ta' tagħmir ta' kontroll doganali li għandu skop ta' kontrolli doganali wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

- spezzjoni mhux invażiva;
- indikazzjoni ta' oġġetti moħbija fuq il-bnedmin;
- detezzjoni tar-radjażzjoni u identifikazzjoni tan-nuklidi;
- analiżi tal-kampjuni fil-laboratorju;
- teħid ta' kampjuni u l-analiżi fuq il-post ta' kampjuni;
- it-tiftix b'apparat portabbli.

B'mod addizzjonali l-Istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali (l-"Istrument") jista' jkopri x-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament tat-tagħmir tal-kontrolli doganali għall-ittestjar ta' biċċiet ġodda ta' tagħmir jew ta' funzjonalitajiet ġodda f'kundizzjonijiet operazzjonali. L-Istrument jista' jkopri wkoll l-ispejjeż ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu, ta' evalwazzjoni u ta' attivitajiet oħrajn għall-ġestjoni tal-Istrument u għall-evalwazzjoni tal-kisba tal-oġġettivi tiegħu.

L-Istrument jista', barra minn hekk, ikopri l-ispejjeż relatati ma' studji, mal-laqgħat tal-esperti, mal-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, li jkunu relatati mal-għanijiet tal-Istrument, kif ukoll l-ispejjeż marbutin man-netwerks tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, fosthom l-għodod korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u assistenza teknika u amministrattiva oħra meħtieġa b'rabta mal-ġestjoni tal-Istrument.

## TITOLU 16 — NEFQA LIL HINN MIL-LIMITI MASSIMI ANNWALI STIPULATI FIL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI

*Figuri*

Titolu Kapitolu	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2025		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
16 01	Nefqa amministrattiva ta' appoġġ lil hinn mil-limiti massimi annwali stipulati fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali		43 438 898	43 438 898			43 438 898	43 438 898
16 02	Mobilizzazzjoni tal-mekkaniżmi ta' solidarjeta' (strumenti speċjali)	S	50 000 000	55 000 000			50 000 000	55 000 000
16 03	Sostenn għall-innovazzjoni fit-teknoloġiji u l-proċessi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju skont is-Sistema għan-Negożjar tal-Emissjonijiet (Emission Trading System, ETS)	O	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
16 04	Garanzija tal-Unjoni Ewropea għall-operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self	O	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
16 05	Nefqa oħra	O	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
16 06	Faċilita' għall-Ukrajna	O	4 276 947	3 230 138		-469 000	4 276 947	2 761 138
		O	744	077		000	744	077
	<b>Titolu 16 — Total</b>		<b>4 370 386</b>	<b>3 328 576</b>		<b>-469 000</b>	<b>4 370 386</b>	<b>2 859 576</b>
			<b>642</b>	<b>975</b>		<b>000</b>	<b>642</b>	<b>975</b>

## KAPITOLU 16 06 — FAĊILITÀ GĦALL-UKRAJNA

Figuri

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
16 06	Faċilità għall-Ukrajna							
<b>16 06 01</b>	<b>Pilastru I: Pjan għall-Ukrajna</b>	O	1 500 000 000	1 500 000 000			1 500 000 000	1 500 000 000
<b>16 06 02</b>	<b>Pilastru II: Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna</b>							
16 06 02 01	Proviżjonament tal-fond ta' proviżjonament komuni	O	1 092 000 000	400 000 000			1 092 000 000	400 000 000
16 06 02 02	Azzjonijiet oħra taħt il-Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna	O	451 770 000	496 947 000		-400 000 000	451 770 000	96 947 000
	<i>Artikolu 16 06 02 — Sub-total</i>		1 543 770 000	896 947 000		-400 000 000	1 543 770 000	496 947 000
<b>16 06 03</b>	<b>Pilastru III: Assistenza tal-Unjoni għall-adeżjoni u miżuri ta' appoġġ</b>							
16 06 03 01	Assistenza ta' adeżjoni tal-Unjoni u miżuri oħra	O	155 000 000	77 500 000			155 000 000	77 500 000
16 06 03 02	Sussidju għall-kostijiet tas-self	O	612 324 102	612 324 102		-69 000 000	612 324 102	543 324 102
16 06 03 03	Proviżjonament tal-Fond ta' proviżjonament Komuni - Legat	O	465 853 642	143 366 975			465 853 642	143 366 975
	<i>Artikolu 16 06 03 — Sub-total</i>		1 233 177 744	833 191 077		-69 000 000	1 233 177 744	764 191 077
	<b>Kapitolu 16 06 — Total</b>		<b>4 276 947 744</b>	<b>3 230 138 077</b>		<b>-469 000 000</b>	<b>4 276 947 744</b>	<b>2 761 138 077</b>

Kummenti

L-approprijazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jipprovdu appoġġ finanzjarju prevedibbli lill-Ukrajna matul il-perjodu 2024-2027. Il-Faċilità se tappoġġa l-isforzi tal-Ukrajna biex issostni l-istabbiltà makrofinanzjarja, tippromwovi l-irkupru kif ukoll timmodernizza l-pajjiż filwaqt li timplimenta riformi ewlenin fil-proċess ta' adeżjoni tagħha mal-Unjoni. Il-Faċilità hija mfassla bħala strument flessibbli, adattat għall-isfidi bla preċedent tal-appoġġ ta' pajjiż fi gwerra, filwaqt li tiżgura l-prevedibbiltà, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-fondi.

Ir-riżorsi massimi għall-implimentazzjoni tal-Faċilità huma ta' EUR 50 000 000 000 (fi prezzijiet attwali) għall-2024–2027, li minnhom sa EUR 33 000 000 000 fil-forma ta' self u sa EUR 17 000 000 000 fil-forma ta' appoġġ għajr fil-forma ta' self, li huwa rilevanti għan-nefqa taħt dan il-kapitolu. L-appoġġ disponibbli għajr fil-forma ta' self f'sena partikolari ma għandux jaqbeż l-EUR 5 000 000 000, f'konformità mad-dispożizzjoni rilevanti tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093. L-Istati Membri, il-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew sorsi oħra jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali lill-Faċilità. Skont l-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul assenjat imdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni f'konformità ma' dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġetti jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj>).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj>).

Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj>).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>), u b'mod partikolari t-Titolu X tiegħu.

## **Artikolu 16 06 02 — Pilastru II: Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna**

### *Kummenti*

Skont il-Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna, il-Kummissjoni għandha ttiprovdi l-appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna fil-forma ta' garanzija baġitarja, strumenti finanzjarji jew operazzjonijiet ta' taħlit, inkluża assistenza teknika. Dak il-Qafas għandu l-għan li jattira u jimmobilizza l-investimenti privati u pubbliċi fl-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, filwaqt li jindirizza l-prijoritajiet identifikati fil-Pjan għall-Ukrajna, u jappoġġa l-oġettivi u l-implimentazzjoni tiegħu. Dan se jikkomplementa l-istrumenti eżistenti kollha li jappoġġaw lill-Ukrajna, bħall-garanziji baġitarji u l-operazzjonijiet ta' taħlit, bil-possibbiltà li dawn jiżiedu, meta l-kundizzjonijiet jippermettu dan.

### Partita 16 06 02 02 — Azzjonijiet oħra taħt il-Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna

#### *Figuri*

Approprjazzjonijiet 2025		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 3/2025		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
451 770 000	496 947 000		-400 000 000	451 770 000	96 947 000

### *Kummenti*

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna fil-forma ta' strumenti finanzjarji u operazzjonijiet ta' taħlit, inkluża assistenza teknika, skont il-Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna. Id-dħul assenjat jista' jagħti lok għal approprjazzjonijiet addizzjonali.

## **Artikolu 16 06 03 — Pilastru III: Assistenza tal-Unjoni għall-adeżjoni u miżuri ta' appoġġ**

### *Kummenti*

Din l-appropriazzjoni ttiprovdi assistenza teknika u miżuri oħra ta' appoġġ, inkluż il-mobilizzazzjoni tal-għarfien espert dwar ir-riformi, l-appoġġ lill-muniċipalitajiet, lis-soċjetà ċivili u forom oħra ta' appoġġ bilaterali biex jittfasslu u jiġu implimentati riformi relatati mal-adeżjoni tal-Ukrajna għall-Unjoni u biex titrawwem il-kapaċità amministrattiva tal-Ukrajna, b'appoġġ għall-oġettivi tal-Pjan. Tista' tappoġġa wkoll miżuri oħra mmirati biex jindirizzaw il-konsegwenzi tal-gwerra, pereżempju relatati mal-infurzar tal-ġustizzja internazzjonali. Dan l-artikolu se jkopri wkoll il-kostijiet tal-funzjonament tal-Bord tal-Verifika tal-Faċilità tal-Ukrajna (inkluż ir-remunerazzjoni ta' konsulenti speċjali, l-ispejjeż tal-missjoni tagħhom u l-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-istituzzjoni) kif ukoll is-sussidji tar-rata tal-imgħax għas-self ipprovdut lill-Ukrajna skont il-Pilastru I u skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 li ttiprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna (ĠU L 186, 13.7.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/1201/oj>) u d-Deċiżjoni (UE) 2022/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 2022 li ttiprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna, li ssaħħaħ il-fond ta' proviżjonament komuni permezz ta' garanziji mill-Istati Membri u permezz ta' proviżjonament speċifiku għal xi obligazzjonijiet finanzjarji relatati mal-Ukrajna ggarantiti skont id-Deċiżjoni 466/2014/UE, u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 (ĠU L 245, 22.9.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/1628/oj>) u l-proviżjonament ta' ċerti obligazzjonijiet speċifikati relatati mal-appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna deċiżi qabel l-istabbiliment tal-Faċilità tal-Ukrajna.

Partita 16 06 03 02 — Sussidju għall-kostijiet tas-self

Figuri

Approprjazzjonijiet 2025		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 3/2025		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
612 324 102	612 324 102		-69 000 000	612 324 102	543 324 102

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sussidju tal-kost tas-self fuq self ipprovdut lill-Ukrajna permezz tal-Faċilità għall-Ukrajna. Hija maħsuba wkoll biex tkopri s-sussidji tar-rata tal-imgħax għal self ta' assistenza makrofinanzjarja mogħtija skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201, b'deroga mill-Artikolu 1(3) tagħha, u d-Deċiżjoni (UE) 2022/1628, b'deroga mill-Artikolu 6(3) tagħha.

## TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

Figuri

